# Il-100 sena ta' Scouts f'Malta

**kitba ta' David Schembri**

Ftit pajjiżi fid-dinja għandhom tradizzjoni daqshekk qawwija ta' Scouts bħalma għandha Malta. Waqt li Baden Powell kien qed iservi bħala assistent segretarju tal-Militar taħt zijuh l-Ġeneral sir Henry Smyth, li kien gvernatur ta' Malta bejn l-1890 u 1893, huwa kien diġà beda jaħseb dwar kif jista' jkun ta' għajnuna għas-suldati. Fil-fatt waqt li kien Malta, żviluppa dan il-ħsieb fl-ewwel ktieb tiegħu *Aids to Scouting*.

Waqt li kien fuq gżira, B-P beda jagħti l-kontribut tiegħu billi jibgħat sketches lill-gazzetti bl-Ingliż, tgħallem jiskultura, organizza shows u anke fetaħ gymnasium. Bil-konnessjoni tant tajbin tiegħu f'Malta, kienet ħarġet ħaġa naturali li l-ewwel pajjiż barrani li jkollu assoċjazzjoni ta' l-iscouts kellu jkun dak ta' Malta. L-assoċjazzjoni Maltija ffurmat ftit żmien wara li l-iscouts dehru f'Brownsea Islan f'Lulju/Awwissu 1907. Fil-fatt l-Assoċjazzjoni Maltija ta' l-Iscouts applikat biex tkun membru tal-Moviment Brittaniku fid-9 ta' Novembru 1908 u kien ġiet uffiċjalment rikonoxxuta bħala membru sena wara.

L-ewwel ftit scouts għenu biex il-moviment jkun mn ta' quddiem fl-edukazzjoni għaż-żgħażagħ f'Malta. Mill-bidu nett, il-moviment kien l-aktar organizzazzjoni taż-żgħażagħ attiva u qawwija fuq il-gżira.

Baden-Powell żar Malta diversi drabi u kien ukoll jiktbilhom billi jagħtihom pariri filwaqt li jfaħħar il-progress u l-effiċjenza tal-Boy Scouts Maltin.

Ftit qabel ma miet, Baden-Powell iitajpja dik li wisq probabbli kienet l-aħħar ittra tiegħu fil-21 ta' Lulju, 1940, mill-Paxtu fil-Kenya, fiha ried *to congratulate my old friends, the Maltese on the plucky way they have stood up to the infernal bombing of the Italians... They have the spirit of fearlessness and patience which enables them to face danger with a smile to stick it out to the triumphant finish...* (jfaħħar il-ħbieb antiki tiegħu l-Maltin tal-kuraġġ tagħhom fir-reżistenza kontra l-bumbardament Taljan...Huwa paċenżjuż u bla biża' żewġ kwalitajiet li jgħinuhom jiffaċjaw il-periklu bi tbissima u jibqgħu hemm sakemm jirnexxu).

L-iscouts ta' Malta, kellhom rwol importanti ħafna fit-tieni gwerra dinjija speċjalment bejn l-1940 u l-1943. Filfatt ingħataw l-unur tal-Bronze Cross bħala rikonoxximent tal-kuraġġ biex jieqfu kontra l-għadu tul il-gwerra għal-libertà.

Sa' l-1966, l-Assoċjazzjoni ta' l-Iscouts Maltija kienet għadha fergħa mill-Assoċjazzjoni Brittanika. Malta saret stat indipendenti fl-1964 u f'Ottubru 1996, l-Assoċjazzjoni saret membru indipendenti fil-World Scout Conference.

L-iscouts Maltin kienu preżenti fil-Jamborees kollha minbarra tnejn – dak tal-Filippini u tal-Ġappun. Kien il-kontinġent Malti li fl-1920 f'Olympia jqajjem l-inizzjattiva biex B-P jiġi pproklamant Chif Scout of the World.

Tul iż-żmien, l-Assoċjazzjoni Maltija dejjem imxiet fuq l-ideal tal-fundatur – li tkun ta' servizz għall-komunità.

